MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 129/2009

**Dr. Joseph R. Pace bhala Gran Prijur ghan-nom u fl-interess tal-Gran Prijorat tal-Gzejjer Maltin fl-Ordni Militari u Ospidaljera ta' San Lazzru ta' Gerusalemm**

**Vs**

**Donald Spiteri u Marco Spiteri Binett**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ipprezentat fit-3 t'April, 2009 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-istess attur, ir-rikorrent fil-kapacita tieghu ta' Gran Prijur is-somma ta' erbat elef, hames mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,573.84), bilanc ta' somma akbar li kienet giet fdata lill-Marco Spiteri Binett u ghad insaputa tar-rikorrent inghaddiet f'idejn Donald Spiteri fejn dan wara li dan gie interpellat sabiex ihallas il-flus, iddepozita permezz ta' cedola 343/2008 ammont deficjenti. Meta s-somma vera li attwalment kellha tigi

depozitata kienet ta’ dsatax-il elf, erba’ mija u sitta u sittin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€19,466.57) kif ha jigi ppruvat waqt il-mertu tal-kawza. Bl-imghax mill-20 ta’ Settembru, 2004 u bl-ispejjes kif mitluba.

Rat ir-risposta ta’ Donald Spiteri u Marco Spiteri Binett tas-7 ta’ Mejju 2009 illi eccepixxa l-ewwel u qabel kollox illi l-Ligi ma tirrikonoxxi ebda titoli ta’ ordnijiet Kavallereski u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jintavola kawzi ta’ ebda ghaqda.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-flus li gew fdati f’isem l-esponenti kellhom jithallsu lill-Ordni barra minn Malta bhala Oblations and Promotion fees dovuti lill-Grand Chancellory ta’ barra minn Malta liema ordni lokali tifforma parti minn din l-organizzazzjoni internazzjonali, liema spejjes huma dovuti kull sena.

Illi fit-tielet lok l-esponenti m’ghandu jaghti ebda flus.

Illi fir-raba’ lok eccepixxa li r-rikorrenti jrid jipprova li huwa l-persuna li ghandu dritt jiehu dawn il-flus.

Fl-24 ta’ Novembru, 2009 xehed John Vassallo fejn stqarr illi hu kien jokkupa l-kariga ta’ Gran Prijorat ta’ San Lazzru fejn kien kemm Kavallier kif ukoll membru tal-kunsill ta’ dan il-Prijorat. L-intimat Marco Spiteri Binett, skont Vassallo kien it-Tezorier tal-istess Gran Prijorat. Mument minnhom, skont l-istess Vassallo, il-Gran Prijorat iddecieda li l-flus kollha li kien hemm f’isem il-Gran Prijorat li kien madwar tmint elef Liri Maltin ta’ dak iz-zmien jinghadda lil Spiteri Bennit sabiex ikunu fis-sigur minn membri ohra tal-ordni stess peress illi kien hemm inkwiet fl-Ordni u kien hemm xizma.

Sussegwentement, din ix-xizma giet rizolta u r-rikorrent Dr. Joseph R Pace gie appuntat Gran Prijur mill-Gran Kancillier u mill-Gran Commander u allura spiccat ix-xizma. Wara li din il-kwistjoni giet rizolta, f’Gunju 2007, l-istes Kunsill talab lil Marco Spiteri Binett sabiex irodd lura l-flus li kienu inghaddewlu. Liema flus kien inghaddewlu sabiex jigi eliminat riskju li l-ammont jittiehed minn dawk li

gabu l-qasma fil-Gran Prijorat. Vassallo stqarr ukoll li x-xizma giet rizolta meta l-fazzjoni li ghazlet il-Gran Mastru l-iehor regghu gew lura u gew ammessi fil-Gran Prijorat.

Fl-istess seduta xehed ukoll Michael Ciavola illi stqarr illi huwa jokkupa l-kariga ta’ Gran Kancillier fi hdan il-Prijorat ta’ San Lazzru fejn ir-rikorrent Dr. Joseph R Pace huwa l-Gran Prijur tal-Gran Prijorat ta’Malta fi hdan l-Ordni Militari u Ospidaljier ta’ San Lazzru ta’ Gerusalemm. Huwa stqarr li meta kien hemm il-qasma tal-Gran Prijorat lokali, il-flejjes gew mghoddija lil Marco Spiteri Binett. Sussegwentement meta l-qasma giet rizolta, is-sur Spiteri Binett intalab illi jirritorna l-flus u sussegwentement irritorna porzjon ta’ flus u zamm bilanc ta’ madwar erbat elef ewro, liema bilanc izda Ciavola ma kienx fi stat li jikkonferma kemm kien.

Fis-seduta tat-2 ta’ Marzu 2010 xehed Dr. Joseph R. Pace, fejn filwaqt li kkonferma li huwa l-Gran Prijur tal-Ordni ta’ San Lazzru, stqarr illi tali titolu li ma jfisser xejn hlief li lil min ikun inghata dan it-titolu jkun il-Kap tal-Ordni f’Malta. Meta huwa gie appuntat Gran Prijur huwa gie mgharraf li kien hemm ammont ta’ flus li kienu f’idejn Marco Spiteri Binett illi kienu jappartjeni lill-Ordni ta’ Malta fl-ammont ta’ dsatax-il elf, erba’ mija u sitta u sittin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€19,466.57). U ghalhekk kiteb lill-Marco Spiteri Binett li dan nfurmah li hu ma kellu ebda minn dawn il-flejjes peress illi kienu f’idejn Donald Spiteri li kien l-Awditur tal-Gran Prijorat.

Baqghet ghaddejja korrispondenza bejn ir-rikorrent u Marco Spiteri Binett bil-ghan illi tali flejjes jitraddew u eventwalment wara li l-istess Marco Spiteri Binett irrifjuta li jirrikonoxxi illi l-istess rikorrenti kellu d-dritt li jiehu l-flejjes huma stess, permezz ta’ cedola numru 343/2008 esebita a fol 13 tal-process, iddepozita l-ammont ta’ hmistax-il elf mija u tnejn u sittin ewro u sbatax-il centezmu (€15,162.17), b’mod illi kien ghad fadal bilanc, skont l-istess rikorrent ta’ erbat elef hames mija u tlieta u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€4,573.84).

Dwar jekk tali flejjes intuzawx biex jithallsu Oblations & Promotion Fees dovuti, ir-rikorrent stqarr illi huwa m'ghandu ebda informazzjoni ta' dan u f'kaz li anke din tigi ppruvata, l-kwistjoni m'ghandhiex rilevanza ghall-mertu tar-rikors promotur.

Fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2010 xehed Marco Spiteri Binett fejn stqarr illi fit-12 ta' Jannar, 2000 kien gie mahtur Vici Receiver General tal-Gran Prijorat tal-Ordni Militari Ospidaljera ta' San Lazzru ta' Gerusalemm fejn kellu rwol ta' Tezorier. F'Settembru tas-sena 2004 kien ordnat mill-Gran Prijur ta' dak iz-zmien Antoine Zammit sabiex jigbed il-fond kollha tal-Gran Prijorat li kienu ammontanti ghal dsatax-il elf, erba' mija u wiehed u sebghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€19,471.81) dak iz-zmien tmint elef, disa' mija u sebghin liri Maltin (LM 8,970) u dawn ingibdu flimkien mal-istess Antoine Zammit.

Dan peress illi kien hemm il-biza' li dawn il-flejjes setghu jigu ssekwestrati mill-grupp li kien qed jikkawza ix-xizma fi hdan il-Gran Prijorat. Tali flejjes huwa hadhom mieghu l-ufficju u sussegwentement mar id-dar tal-Gran Prijur ta' dak iz-zmien, Zammit, fejn talbu sabiex izomm dawn il-flus. Zammit izda ma xtaqx illi jzomm dawn il-flus u huwa talab lill-Gran Prijur ta' dak i-zmien Antoine Zammit u kif ukoll John Vassallo sabiex izommu l-flejjes huma. Madanakollu l-partijiet ma ftehmux bejniethom u ghalhekk wara li kkonsultaw mal-istatut li ma qal xejn f'dan ir-rigward, gie deciz illi l-flejjes jinghataw lill-Awditur, ossia lil Donald Spiteri.

Nel frattemp, sakemm kien hemm ix-xizma bejn il-membri tal-prijorat, il-Gran Prijur Antoine Zammit, talab b'certa forza lill-istess Spiteri Binett sabiex jaghmel il-pagamenti kollha necessarji lill-ghaqda internazzjonali tal-istess Prijorat u dana bhala l-mizati annwali dovuti lill-istess ghaqda. Di fatti permezz ta' ittra datata 11 ta' Novembru, 2004 esebit bhala dok MSB5 a fol 65 tal-process, l-istess Marco Spiteri Binett informa lil l-awtoritajiet barra minn Malta li l-ammont ta' elfejn u tmienja u tmenin liri Maltin kienu gew mghoddija fl-istess 11 ta' Novembru, 2004 bhala pagamenti ghal outstanding dues on Oblations and

Promotion Fees due to The Grand Chancellory as at 31st December 2003. Tali ammont illi jammonta f'erbat elef, seba' mija u tmienja u hamsin ewro u tlettax-il centezmu (€4,758.13), jidher li gie trasferit permezz ta' swift transfer fis-17 ta' Novembru, 2004 fl-ammont gja indikat.

Skont Spiteri Binett wara Gunju 2004 kien hemm diversi tibdiliet fi hdan il-Gran Prijorat, fosthom fejn fid-19 ta' Novembru, 2004, fosthom ir-rikorrent Dr. Joseph Pace kien tkecca mill-ordni. Sussegwentement f'Marzu 2006, Spiteri Binett irrezenja mill-kariga ta' Vici Kancillier tal-Gran Prijorat u f'April 2006 Antoine Zammit bhala Gran Prijur u l-mara tieghu Bibiana Zammit bhala Kancillier irtiraw mill-Ordni. Fit-30 ta' Gunju 2006 sussegwentement l-sistess Spiteri Binett irrizenja mill-Ordni. Kien fit-23 ta' Lulju tas-sena 2007 li huwa rcieva ittra minghand certu Robert Curner fejn gie infurmat li issa kien il-Kancilllier tal-Ordni u li talbu li jrodd lura l-flus illi kellu fil-pussess tieghu li kienu tal-Gran Prijorat.

Spiteri Binett talab spjegazzjonijiet u indikazzjoni abbazi ta' liema resoluzzjoni tali rikjesta kienet qed issir, izda peress li hu qatt ma kien gie moghti nformazzjoni li ghalih titqies bhala legali, allura qatt ma ottempera ruhhu mar-rikjesta lilu maghmula. Wara skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet fis-27 ta' Marzu, 2008, Donald Spiteri iddepozita il-bilanc ta' flejjes li kienu fil-pussess tieghu. Filwaqt illi x-xhud Spiteri Binett irrifjuta li jkompli jiddiskuti l-kwistjoni ma' Dr. Joseph R. Pace.

Fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2010 xehed Donald Spiteri fejn stqarr illi hu kien gie appunta awditur tal-Gran Prijorat u li huh Marco Spiteri Binett kien ghaddhielu l-flejjes fl-24 ta' Settembru 2004 sabiex jigu depozitati gewwa clients account biex jinzammu hemm hekk. Huwa stqarr illi minn dak iz-zmien li ddepozita l-flejjes hemm gew apparti pagamenti illi saru skont istruzzjonijiet li huwa kien ircieva, ma sar ebda pagament iehor, b'mod illi l-ammont ta' hmistax-il elf mija u tnejn u sittin ewro u sbatax-il centezmu (€15,162.17), li fihom kien jinkludi interessti ottjenuti mid-deposit tal-flus go bank ghas-snin 2004, 2005, 2006, 2007 u 2008, kienu l-bilanc tal-flejjes fil-

pussess tieghu u li kienu tal-Gran Prijorat wara li tnaqqsu minnhom il-pagament tal-passage fees, annual oblations and promotion fees.

Fit-2 ta’ Marzu, 2011 rega’ xehed in kontro ezami Donald Spiteri fejn huwa kkonferma li l-flejjes kienu inghaddewlu minghand huh Marco Spiteri Binett wara li kellu laqa’ mal-kavallier Antoine Zammit u dan peress li kien hemm hafna dizgwid bejn il-membri tal-ordni u kienu ddecidew li l-flus jghadduhom lili bhala awditur, liema flejjes gew depozitati f’kont mal-Bank of Valletta plc. Huwa stqarr ukoll li hadd ma seta’ jigbed dawn il-flejjes peress illi kienu depozitati f’ismu nnfisu u l-uniku persuna li seta’ jigbed dawn il-flejjes kien hu stess.

Fl-istess seduta xehed Marco Spiteri Binett fejn stqarr illi kien il-Gran Prijur ta’ dak iz-zmien Antoine Zammit li talbu sabiex jiehu l-flus, liema flus kienu attwalment ingibdu mill-banek bil-firma tieghu u bil-firma tal-mara tieghu ossia Bibiana Zammit u dawn il-flejjes inghaddew lill-awditur wara li kien hemm decizjoni ta’ dak is-sens.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-kaz odjern huwa rizultat ta’ divergenzi li qamu bejn membri ta’ ghaqda Kavallereska b’ghan filantropici li waslet sabiex flejjes tal-istess ghaqda jitnehhew mill-banek u jitqeghdu f’kont iehor sabiex jigu protetti minn xi azzjonijiet li l-membri allegatament ribelli fl-istes ghaqda ma jkunux jistghu jaghmlu uzu minn tali flejjes.

Jirrizulta wkoll illi l-kaz odjern seta’ gie tranzatt facilment, ferm qabel id-decizjoni ta’ din il-Qorti, u certament il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni tali fatti meta ser tiehu d-decizjoni taghha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Mill-fatti prodotti kollha jirrizulta li wara x-xizma illi kienet sehhet fil-Gran Prijorat tal-Gzejjer Maltin fl-Ordni Militari u Ospidaljeri ta’ San Lazzru ta’ Gerusalemm liema xizma kienet sehhet f’Settembru tal-2004, l-ammont ta’ tmint elef

tlett mija u hamsa u sebghin liri Maltin ekwivalenti ghal dsatax-il elf erba' mija u wiehed u sebghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€19,471.81) kienu gew rimossi mill-kont bankarju tal-istess Ordni u dana mit-Tezorier u Gran Prijur ta' dak iz-zmien ossia l-intimat Marco Spiteri Binett u l-Gran Prijur Antoine Zammit flimkien mal-Kancillier tal-istess ghaqda ossia Bibiana Zammit u dan bi ftehim bejn it-tlett ufficjali ta' dak iz-zmien tal-ordni tali flejjes tqeghdu f'idejn l-awditur tal-istess Ordni, Donald Spiteri.

Jirrizulta wkoll illi skont dokuement a fol 65 tal-process fil-11 ta' Novembru, 2004, jigifieri meta dawn il-flejjes kienu diga ttiehdu mill-kont tal-Gran Prijorat u tqeghdu f'kont iehor bhala safe keeping, sar pagament lill-Ordni Internazzjonali li tahtha jaqa' l-Ordni rapprezentat mir-rikorrent ta' eflejn u tmienja u tmenin Liri Maltin (Lm2,088), ossia erbat elef, seba' mija u tmienja u hamsin ewro u tlettax-il centezmu (€4,758.13), rapprezentanti passage fees, annual Oblation and Promotion fees ghas-snin 2001, 2002 u 2003 kif ukoll pagamenti ohra li kellhom jithallsu qabel.

Jirrizulta mill-provi u aktar precizament mill-istatement mahrug mill-istess Donald Spiteri bhala awditur tal-Ordni stess, illi mill-ammont migbud, originarjament, wara illi tnaqqsu l-pagament indikat fl-ammont ta' ftit anqas minn elfejn u mitt Liri Maltin, il-bilanc jigifieri hmistax-il elf, mija u tnejn u sittin ewro u sbatax-il centezmu (€15,162.17), gew iddepozitati fil-Qorti sabiex jingibdu minn min kellu dritt jigbidhom fil-25 ta' Marzu, 2008.

Jirrizulta wkoll illi tali ammont depozitat fil-Qorti gie awtorizzat l-izbank tieghu fil-11 t'April, 2008, liema zbank eventwalment sehh fis-27 ta' Mejju 2008.

Jirrizulta ampjament ippruvat li ghalkemm ir-rikorrenti qieghed jinsisti li l-intimati ghandhom iroddu lura l-bilanc tal-flejjes li kienu fil-pussess taghhom originarjament jigifieri erbat elef hames mija u tlieta u sebghin ewro, u erbgha u tmenin centezmu (€4,573.84), jidher car illi tali ammont ta' flejjes intuzaw sabiex jithallsu l-pagamenti dovuti mill-ghaqda lokali lill-ghaqda internazzjonali u dan

jirrizulta ben car fid-dokument esebit bhala Dok MSB5 a fol 65.

Jirrizulta ben car ukoll illi mill-flejjes depozitati, illi ghajr tali pagament ma sar ebda pagament iehor b'mod illi l-ammont ta' flus depozitati fil-Qorti, kienu attwalment il-bilanc tal-ammont ta' flus kollha illi kienu inghaddew lil Marco Spiteri Binett mill-Kancillier u l-Gran Prijorat ta' dak iz-zmien, il-konjugi Zammit u nghaddew sussegwentement lill-awditur Donald Spiteri sabiex jinzammu minnu.

Ghalhekk in vista ta' tali provi cari u limpidi, il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent jibqa' jinsisti illi t-talba tieghu ghandha tigi onorata peress illi jidher car li tali flejjes intuzaw sabiex jithallsu djun dovuti mill-ghaqda rikorrenti stess.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi din il-kawza setghat giet tranzatta ferm zmien ilu u ghalhekk ser tiehu l-mizuri f'dan il-ghan.

<u>**Konkluzjoni**</u>

Il-Qorti wara li rat il-provi prodotti, u wara li semghet ix-xhieda, fil-waqt illi tichad l-ewwel u r-raba' eccezzjoni, tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni u tiddikjara illi l-bilanc rikjest mir-rikorrenti fl-avviz odjern, attwalment jirraprezentaw oblation u promotion fees dovuti lokalment lill-ghaqda internazzjonali liema flejjes thallsu u ghalhekk l-intimati m'ghandhom jaghtu ebda flus lir-rikorrenti. Ghalhekk qeghda tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------